**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 9 t' Novembru, 2015**

**Rikors nru: 30/2014 MLF**

**GO p.l.c.**

**vs**

**Joseph Quattromani u b'digriet tal-Qorti tas-27 ta' Frar, 2002 gie kjamat fil-kawza Saviour Deguara**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici, konfermat bil-gurament minn Dottor Ingrid Zammit Young, debitament awtorizzata, fejn talbet:

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Avv Nru 5/02MM) giet deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Frar, 2002, fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat ihallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' elf, seba' mija, disgha u tletin liri Maltin u wiehed centezmu valuta antika (Lm1,739.01) u ekwivalenti ghall-erbat' elef, hamsin Euro u tmenin centezmu (€4,050.80), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 581437.

Illi s-socjeta' rikorrenti bidlet isimha ghal GO p.l.c. u dan fl-istess waqt li hija zammet l-istess personalita' guridika ezistenti stante li n-numru ta' registrazzjoni taghha mar-Registratur tas-socjetatjiet baqa' l-istess, cioe' C22334.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre hames mija, hamsa u sittin Euro u sebgha u sittin centezmu (€565.67) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument "A". Kif ukoll tlett elef , mitejn, erba' euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€3,204.24), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mis-27 ta' Frar, 2002 sal-15 ta' Frar, 2002, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' sebat elef, tminn mija u ghoxrin Euro u wiehed u sebghin centezmu (€7,820.71), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta' esponenti ghandha nteress illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqtant l-esponenti filwaqt illi tghamel referenza ghall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi din il-Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijet fuq indikati.

Rat ir-risposta ta' Joseph Quattromani fejn espona:

1. Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi 5/02MM li giet deciza minn din il-Qorti diversament preseduta datata 27 ta' Frar, 2002 ma kienx l-esponenti li gie kkundannat ihallas l-ammont ta' erbat elef hamsin Ewro u tmenin centezmu (€4050.80) izda l-kjamat in kawza Saviour Deguara, u dan peress li l-istess talba attrici gie ammessa mill-istess Saviour Deguara u l-Qorti kienet qalet hekk *"Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici fil-konfront tal-kjamat fil-kawza, bl-ispejjez kontra tieghu".*
2. Illi ghalhekk l-esponenti m'ghandu x'jaqsam xejn ma' dan ir-rikors tas-socjeta' GO p.l.c. u dan peress li mhux hu li ghandu jhallas, izda huwa l-kjamat in kawza Saviour Deguara li jrid ihallas lill-istess socjeta' rikorrenti.
3. Illi ghalhekk din l-Qorti se mai ghandha tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti fil-konfront tal-kjamat in kawza Saviour Deguara, u mhux fil-konfront ta' l-esponenti u dan tenut kont tas-sentenza kif kienet inqatghet mill-Qorti;

4. Illi din ir-risposta qed issir ghaliex fir-rikors taghha s-socjeta' rikorrenti naqset milli ssemmi li l-ammont dovut lilha ma hux dovut mill-esponenti izda huwa dovut mill-kjamat in kawza u f'dan ir-rigward ghalhekk it-talba tas-socjeta' rikorrenti ghandha tigi michuda fil-konfront ta' l-esponenti.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti.

Ikkunsidrat:

Illi fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2015, Dottor Ingrid Zammit Young ghas-socjeta rikorrenti GO p.l.c. iddikjarat "*li taqbel mas-sottomissjonijiet maghmulha minn Joseph Quattromani fir-risposta tieghu u l-ammont dovut lis-socjeta' rikorrenti hu dovut biss mill-kjamat in kawza Saviour Deguara*".[1]

Illi fis-seduta tas-26 t'Ottubru, 2015 il-kjamat in kawza Saviour Deguara, debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, msejjah tlett darbiet ma deherx ghal kawza, u lanqas ipprezenta risposta.

Fl-istess seduta Dr. Ingrid Zammit Young ghas-socjeta rikorrenti ikkonfermat bil-gurament illi mid-29 ta' Jannar, 2014 meta gie pprezentat ir-rikors promotur, ma kien sar l-ebda hlas.

Din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubita mix-xhieda ta' Dr. Ingrid Zammit Young, li ma giet bl-ebda mod kontradetta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta rikorrenti, u ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tawtorizzaha tghaddi ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tas-27 ta' Frar 2002 fl-ismijiet **Maltacom p.l.c. vs Joseph Quattromani u b'digriet tal-Qorti tas-27 ta' Frar 2002, gie kjamat fil-kawza Saviour Deguara**, pero biss fil-konfront tal-kjamat in kawza Saviour Deguara.

[1] Verbal a fol. 17 tal-process

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-kjamat in kawza Saviour Deguara.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**